**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Ammissjoni skond l-Art 392B –**
**641/2021/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Jose Angel Hernandez Perez**

**Illum, 24 ta' Gunju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **Jose Angel Hernandez Perez** ta' 47 sena, iben Jose u Gladys nee' perez, imwieled ġewwa Caracas fil-Venezwela, nhar il-25 ta' Novembru 1973, minghajr indirizz fiss ġewwa Maota u detentur tal-Passaport Venezwelan bin-numru 158259590;

1. Importa jew gieghel li tiġi mportata jew ghamel xi haġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (*kokajina)* f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicina Perikoluzi. Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Forna jew ipporkura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikolużi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N.

292/1939) jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu liċenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu liċenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikolużi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esekuttiv tieghu**

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikun jmissu lill-akkuzat jew huma propjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli, u

dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti kienet mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-udjenza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja tal-15 t' April, 2024 fejn hemm registrat illi l-akkuzat, allura imputat Jose Angel Hernandez Perez fil-prezenza tal-interpretu nominata mill-Qorti Imelda Fede, ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u l-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi legali tal-ammissjoni rregistrata minnu fosthom spjegatlu l-piena massima skond il-ligi li jgorru l-imputazzjonijiet li bihom jinsab akkuzat kif ukoll il-fatt li ghalkemm jidher li hemm patteggjament bejn il-partijiet, il-Qorti Kriminali mhux marbuta ma dan il-patteggjament.

Rat ukoll li l-Qorti taghat zmien xieraq lil akkuzat sabiex jikkonsidra l-ammisjoni tieghu ghalhekk issospendiet is-seduta sabiex jitkellem mal-avukat difensur tieghu, izda meta l-kawza regghet giet kjamata fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu u l-interpretu mahtur mill-Qorti l-akkuzat, allura imputat, rega kkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kollha;

Rat l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja kif registrata fil-verbal tal-udjenza tal-15 t' April 2024 li bih ai termini tal-artikolu 392B (1) tal-Kodici Kriminali, wara din l-ammissjoni ordnat li l-atti tal-kumpilazzjoni, kif ukoll l-oggetti kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz jintbaghtu lill-Avukat Generalifi zmien tlett (3) ijiem u li r-Registratur ta' din il-Qorti jkun notifikat b'din l-ammissjoni;

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2024 li biha ddikjara li ai termini tal- artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti

Istruttorja u li ghalihom l-imputat rregistra l-ammissjoni, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Jose Angel Hernandez Perez, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-31 ta' Mejju, 2024 fit-termini tal-artikolu 392B(5)(a) tal-Kodici Kriminali fejn talbu lil din il-Qorti sabiex issib lill-imputat illum akkuzat hati tar-reati kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u timpani piena ta' prigunerija effettiva ta' tmien snin u sitt xhur flimkien ma multa ta'€20,000 u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u'jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre, l-partijiet iddikjaraw illi din il-Qorti ghandha taghti qies l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 applikabbli b'zewg gradi.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ghalhekk, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fil-15 t' April 2024 u sussegwentement konfermata nhar it-3 ta' Gunju, 2024, quddiem din l-istess Qorti tiddikjara lil Jose Angel Hernandez Perez hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu talli:

1. Importa jew gieghel li tiġi mportata jew ghamel xi haġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (*kokajina)* f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicina Perikoluzi. Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Forna jew ipporkura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikolużi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni

jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikolużi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esekuttiv tiegħu**

Rat il-fedina penali tal-akkuzat li hija waħda netta u mmarkata bħala Dok MM a fol 7 tal-process;

Hadet in konsiderazzjoni il-gurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar il-piena f'cirkostanzi fejn tkun registrata ammissjoni, fosthom **<u>Ir-Repubblika ta' Malta kontra Nicholas Azzopardi</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar, 1997, **<u>Il-Pulizija</u>**

**kontra Emanuel Testa** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Lulju, 2002**, Ir-Repubblika ta' Malta kontra Mario Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju, 2002 fejn kienu diskussi regoli generali li ghandhom iservu ta' gwida lill-Qorti fil-kominazzjoni tal-piena f'kaz ta' ammissjoni bikrija fejn, fis-sentenza appena citata ta' Emanuel Testa saret referenza ghal dak citat fis-sentenza kontra Nicholas Azzopardi senjatament meta il-Qori kkwotat b'mod estensiv Il-Blackstone's Criminal Practice (Blackstone Press Limited – 2001 edit.) ghaliex ddikjarat li taqbel mal-principji hemm enuncjati u taghmel dawk il-principji bhala taghha:

> *"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery [1992] 14 Cr. App. R (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of onethird would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount my be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty by adducing a version of the facts at odds with*

*that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed, (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain...."*

Fil-kaz odjern, l-akkuzat rregistra ammissjoni fil-mori tal-kumpilazzjoni qabel ma l-atti kienu rinvjati lill-Avukat Generali u ghalhekk qabel ma kienet formulata att ta' akkuza. Wara li ezaminat dak enuncjat mis-sentenzi appena citati, din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi ghandha taderixxi mat-talba maghmula mill-Avukat Generali u l-akkuzat, Jose Angel Hernandez Perez fir-rikors kongunt taghhom tal-31 ta' Mejju, 2024;

Rat l-artikoli 2, 9, 20, 22(1)(a)(1B)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; ir-Regolamenti 4, 4(a), 8 and 9 tal-Legislazzjoni sussidjarja 101.02 (L.N. 292/1939) u l-artikoli 17(h), 18, 20, 22, 23 and 533 tal-Kodici Kriminali, tiddikjara li qed isib lill-akkuzat Jose Angel Hernandez Perez hati tar-reati ammessi minnu u tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija effettiva ta' tmien snin u sitt xhur flimkien ma multa ta'€20,000.

Tikkundanna wkoll lill-istess Jose Angel Hernandez Perez ihallas l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 liema ammont ikun konvertit minnufih fi prigunerija skond il-ligi f'kaz illi l-hati jonqos milli jhallas l-istess fi zmien sittin jum mil-lum.

Dawn l-ispejjez jikkonsistu fis-segwenti:

1. Is-somma ta'€2478 li gew imhallsa lil Gilbert Mercieca skond Dok GM a fol. 137 tal-atti;
2. Is-somma ta' €4071 li gew imhallsa lil Dr Marisa Cassar skond MC a fol. 159 tal-atti;
3. Is-somma ta' €379.38 li gew imhallsa lil Keith Cutajar skond Dok KC a fol. 214 tal-atti;
4. Is-somma ta' €322.09 li gew imhallsa lil PS 2424 Abigail Grech u Ufficjal Civili Peter Bonello skond Dok AG a fol. 274;
5. Is-somma ta' €5.68 li gew imhallsa lil PS844 Carl Micallef skond Dok CM a fol. 325;
6. Is-somma ta' €463.96 li gew imhallsa lil Joseph Mallia skond Dok JM a fol. 407;

B'kollox din il-Qorti qed tikundanna lil akkuzat ihallas is-somma ta'€7,720.11 inkorsi f'dan il-process ai termini tal-Artikoli 533 tal-Kap. 9, liema ammont ikun konvertit minnufih fi prigunerija skond il-ligi f'kaz illi l-hati jonqos milli jhallas l-istess fi zmien sittin (60) ijiem mill-lum.

Il-Qorti mhux se tordna l-hlas tal-ispejjez imhallsa lil Nancy Zammit skond Dok NZ a fol. 346 u lanqas dawk konnessi mal-hatra tal-interpretu Imelda Fede u dan peress li mill-atti ma jirrizultax kemm thallsu.

Tordna li z-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv jigi mnaqqas mill-perjodu ta' prigunerija impost b'din is-sentenza.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Il-Qorti tordna kopja ta'din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Court Services Agency sabiex tiehu hsieb tigbor l-ispejjez u l-multa li l-akkuzat gie kkundannat ihallas permezz ta' din is-sentenza.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**